**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Kump. Numru: 100/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Wayne Camilleri)**
**(Spett Kevin Pulis)**

**Vs**

**Tony Zammit**
**(K.I. 158192M)**

**Illum, 16 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Tony Zammit ta' 42 sena, iben Frank u Gracie xebba Galdes, imwieled ġewwa l-Awstralja nhar it-13 ta' Ottubru, 1978 u residenti ġewwa fond numru 32, Australia HSE, Triq San Ġorġ, Qormi u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 15192M u akkużat talli nhar il-25 ta' Jannar 2021, għall-ħabta ta' 03:00hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel u/jew wara, minn ġewwa Triq San Edwardu, Qormi;

1) Ikkaġuna ħruq ta' vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni CBQ786 tal-għamla Toyota Plaz għad-detriment ta' Ramon

Theuma minn Ħal Qormi u/jew ta' persuni oħra, filwaqt li l-ħruq seta' qabad bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa xi persuni;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi ħasart jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe għamilt ħsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBQ786 tal-għamla Toyota Plaz għad dannu ta' Ramon Theuma u/jew ta' persuni oħra liema l-ammont tal-ħsara hu ta' aktar minn €2,500;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħasart jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe għamilt ħsara volontarja fuq vettura bin numru tar-reġistrazzjoni FCQ554 tal-għamla Peugeot Partner għad dannu ta' Mohammed Saed u/jew ta' persuni oħra liema l-ammont tal-ħsara hu ta' aktar minn €2,500;

U nakkużawh talli nhar il-15 ta' Frar 2021 għal ħabta ta' 13:30hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel u/jew wara, minn ġewwa Triq il-Kbira, Qormi;

4) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ura dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt sabiex jikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS827 Edward, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti mill-volontà' ta' l-imputat;

5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakkajt jew għamilt resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS827 Edward Grech, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għal-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti;

6) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurjajt, heddidt jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PS827 Edward Grech, persuna

nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS827 Edward Grech skond kif iċċertifikat minn Dr Kirsten Schembri, (med reg 4003) taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal-Qormi;

8) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta ħarba sempliċi waqt li kien fil-kustodja ta' persuna/I nkarigati mill-kustodju tiegħu;

9) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara fuq propjetà tal-korp tal-Pulizija liema ammont jiskorri it-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu iżda ma jiskorrix l-mitejn u ħamsin euro;

10) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni LCM589 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża;

11) U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm il-darba din id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;

12) U aktar talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. R. Montebello LLD fid-digriet tagħha tas-24 ta' Jannar 2019 li bih tatù il-ħelsien mill-arrest.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, l-akkużat eżenta lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-28 ta' Frar 2023[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikolu 317(a)(ii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 96(a), 98, 99A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 95 u 99A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 325(1)(c) u t-tielet proviso tal-istess artikolu 325(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] A fol. 673 tal-Atti Proċesswali.

Rat illi dawn l-Artikoli nqraw fis-seduta tas-06 ta' Marzu 2023 u l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi dakinhar tal-25 ta' Jannar 2021, l-ispettur Kevin Pulis u l-ispettur Wayne Camilleri kienu nformati li dakinhar stess għall-ħabta ta' 02:30am kien hemm ħruq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ-786, tal-għamla Toyota Platz, ġewwa Triq San Edward, Ħal-Qormi, liema triq hija waħda residenzjali. Il-vettura kienet propjetà tal-parte ċivile Ramon Theuma[2] li jaħdem fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Fuq il-post marru PS1284 Ian Caruana[3] u l-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili.

L-Ispettur Wayne Camilleri, flimkien ma PC432 Sandro Mamo[4] mar fuq il-post u ra l-vettura tal-parte ċivile maħruqa. Għalkemm kien hemm vettura oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni FCQ-554 li sofriet danni kawża tal-ħruq, kien jidher ċar li t-target ta' dan il-ħruq kienet il-vettura ta' Ramon Theuma. L-ispettur informa l-Maġistrat inkwirenti u nfteħet l-*in genere* relevanti u beda l-investigazzjonijiet tiegħu, fejn irriżultalu li għalkemm il-vittma Theuma kien qed jissuspetta li dan ir-reat seħħ b'rabta max-xogħol tiegħu ta' Surġent Maġġur f'diviżjon tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, hu ma kellu suspett f'ebda persuna partikolari. Hu spjega li bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħha, il-Pulizija ġabret ukoll filmati CCTV minn madwar l-ambjenti fejn seħħ dan ir-reat. Dawn il-filmati ġew ippreżentati

[2] Dan ġie kkonfermat mir-rappreżentant ta' Transport Malta fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' April 2021, a fol. 97A *et seq* tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-26 ta' Frar 2021 a fol. 32 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-23 ta' Settembru 2021 a fol. 140 tal-atti proċesswali.

minn PC 432 Sandro Mamo.[5] Illi l-Maġistrat Inkwirenti nnominat, fost l-oħrajn, lil Donald Tabone bħala espert dwar CCTV footage li ppreżenta r-rapport tiegħu flimkien mal-filmat minnu elevat.[6]

Minn dawn il-filmati tidher persuna liebsa tracksuit, maskla u tip ta' beritta miexja b' *jerry can* f'idejha fi Triq Ġużè Ellul Mercer direzzjoni lejn Triq St. Edward, Ħal-Qormi ftit mumenti qabel ma seħħ ir-reat. Wara li seħħ ir-reat, din l-istess persuna tidher miexja fl-istess Triq Ġużè Ellul Mercer mingħajr il-*jerry can*. F'dawn il-filmati din il-persuna tidher qed tagħmel użu minn vettura tat-tip Opel Astra b'kulur blue, li għandha rimmijet partikolari ħafna u minn aktar stħarriġ irriżulta li din il-vettura kellha n-numru ta' reġistrazzjoni ACA-131 u kienet issejjaħ lil Frank Zammit.[7]

Ġie maħruġ Mandat ta' Arrest għall-arrest ta' Tony Zammit u bdiet tfittxija mill-Ispettur Camilleri, flimkien ma' PS 512 u PC 432 Sandro Mamo[8], għalih. Filfatt, l-ispettur ta ordni wkoll lill-uffiċjali fl-għassa ta' Ħal-Qormi sabiex jekk imur fl-għassa, jiġi arrestat hemmhekk.

Filfatt, dakinhar tal-15 ta' Frar 2021, Tony Zammit mar l-għassa tal-Pulizija sabiex jiffirma l-bail book u ġie nformat li kien taħt arrest. Hu talabhom sabiex imur sal-karozza tiegħu u tawħ il-permess. Zammit, madanakollu, minflok ma rritorna lura l-għassa, rikeb fil-karozza tat-tip Opel Astra ta' kulur abjat bin-numru ta' reġistrazzjoni LCM-589[9], u pprova jaħrab. X'ħin PS 827 ra hekk, mar jipprova jżommu iżda Żammit baqa' jsuqu kaxkar lil PS 827 għal aktar minn 55 pied. Finalment PS 827 kellu jerħi l-vettura u Zammit irnexxielu jaħrab minn fuq il-post. Wara madwar nofsiegħa, l-akkużat reġa rritorna lura l-għassa tal-pulizija volontarjament. Hemmhekk, ġie nnotat li l-akkużat kien liebes żarbun bħal dak li deher fil-filmati CCTV

[5] Ara Dok SM1 ippreżentat waqt ix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Settembru 2021, a fol. 140 tal-atti proċesswali.
[6] Ara r-rapport a fol 358 tal-atti proċesswali kif ukoll ix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2022, a fol. 350 tal-atti proċesswali.
[7] Dan ġie kkonfermat mir-rappreżentant ta' Transport Malta fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' April 2021, a fol. 97A *et seq* tal-atti proċesswali.
[8] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-23 ta' Settembru 2021 a fol. 140 tal-atti proċesswali.
[9] Ir-rappreżentant ta' Transport Malta kkonferma li din il-vettura hija reġistrata fuq Frank Zammit fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' April 2021, a fol. 97A *et seq* tal-atti proċesswali.

rigwardanti l-ħarqa tal-vettura, liema żarbun ġie elevat mill-pulizija[10]. Il-pulizija[11] għamlet ukoll tfittxija fir-residenza tiegħu fi 32, Australia Hse, Triq San Ġorġ, Ħal-Qormi fil-preżenta tal-akkużat u minn ġol-kamra tiegħu ġew elevati diversi ħwejjeġ li setgħu kienu l-istess li ntużaw waqt it-twettiq tar-reat, fosthom qalziet li wkoll kien jidher wieħed bħalu fil-filmat CCTV. Ġew elevati wkoll żewġ mobile phones, wieħed tad-ditta JTE u l-ieħor tad-ditta Samsung. Dakinhar tal-15 ta’ Frar 2021, il-vettura tat-tip Opel Astra ta’ kulur blu u bin-numru ta’ reġistrazzjoni ACA-131 (li kellha r-rimmijiet partikolari) kienet qed tintuża minn Frank Zammit li mar biha d-depot u spjegalhom li dik il-vettura normalment jagħmel użu minnha ħuħ, Tony Zammit. Frank Zammit spjega, però, li dakinhar tal-15 ta’ Frar 2021 l-akkużat kien qed juża l-Opel Astra ta’ kulur abjad għax kellha bżonn bidla fil-batterija u Tony Zammit kien se jeħodha għat-tiswija.

L-għada, ċioè s-16 ta’ Frar 2021, l-Ispettur Wayne Camilleri,[12] PC 605 Lino Parascandalo[13] u PS512 Josef Gerada fil-preżenta tal-akkużat għamlu tfittxija fil-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni ACA-131 fid-Depot tal-Pulizija fil-preżenta tal-akkużat u sabu maskra sewda tad-drapp. X’ħin raha, l-akkużat beda jħossu nervuż, kien impulsiv ħafna u talabhielhom għax qal li aktar komda minn dik li kien liebes fil-mument tat-tfittxija. Dakinhar, l-ispettur Camilleri ipproċeda biex ħadlu stqarrija awdjo-viżiva fil-preżenza tal-avukat tiegħu.

Il-parte ċivile Ramon Theuma kien ipparkja l-vettura tiegħu fit-triq qrib residenzi fl-24 ta’ Jannar 2021 fit-8.00pm wara li ġie mix-xogħol. Hu ġie nformat mal-lejl li kienet qabdet il-vettura tiegħu. Huwa jaħdem f’ Division 5 ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin u jaf lill-akkużat bħala priġunier fil-

[10] Ikkonfermat ukoll mill-Ispettur Wayne Camilleri fix-xhieda tiegħu tat-23 ta’ Settembru 2021 a fol. 135 tal-atti proċesswali.

[11] L-ispettur Wayne Camilleri, kif ikkonfermat fix-xhieda tiegħu tat-23 ta’ Settembru 2021 a fol. 135 tal-atti proċesswali, PS 512 Josef Gerada kif ikkonfermat fix-xhieda tiegħu tat-3 ta’ Diċembru 2021 a fol. 188 tal-atti proċesswali u PC 432 Sandro Mamo, kif ikkonfermat fix-xhieda tiegħu tat-23 ta’ Settembru 2021 a fol. 140 tal-atti proċesswali

[12] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-23 ta’ Settembru 2021 a fol. 137 tal-atti proċesswali.

[13] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-09 ta’ April 2021 a fol. 57 tal-atti proċesswali.

Faċilità Korrettiva ta’ Kordin u ġieli raħ għaddej Ħal-Qormi[14]. In kontro-eżami[15] qal li hu qatt ma kien inkarigat direttament mill-akkużat waqt li kien xogħol fil-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin u li qatt ma kellu problemi miegħu la fil-Faċilità u lanqas barra.

Illi waqt li l-vettura tal-parte ċivile Ramon Theuma kienet qed tinħaraq, in-nirien inferrxu wkoll fuq il-vettura tat-tip Peugeot Partner bin-numru ta’ Reġistrazzjoni FCQ-554 propjetà ta Mohammed Saed.[16] Hu qal li kien ipparkjat fit-triq u filgħodu sab il-vettura tiegħu maħruqa.

Illi l-espert David Borg Saydon fir-rapport tiegħu[17] jikkonkludi illi n-nirien bdew fuq il-parti ta’ quddiem tal-vettura u possibilment anke ntefa xi aċċellerant mar-rota ta’ quddiem tal-lemin. Ladarba qabad l-aċċellerant, il-parti ta’ quddiem tal-vettura ħadet in-nar, li nfirex mal-kabina. Vettura oħra li kienet ipparkjata quddiem din il-vettura qabdet ukoll minħabba l-fjammi u s-sħana li kien hemm. Huwa jikkonkludi li dan l-inċendju ma kienx wieħed aċċidentali. Min-naħa tiegħu, l-espert Jean Paul Azzopardi, fir-rapport tiegħu[18] jgħid li ma kien hemm ebda ħsara jew difett fil-vettura li seta’ wassal għal dan il-ħruq. Huwa jgħid li l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBQ-786 hija *beyond economical repair* u l-valur tagħha fis-suq huwa ta’ €2,500 filwaqt li l-ħsarat fuq il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni FCQ-554 huwa b’total ta’ €1,450.

Illi x-xhud Joseph Zahra xehed[19] dwar inċident li seħħ fil-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin fejn huwa kien jinsab viċin l-akkużat u dan stqarr miegħu li l-akkużat kien ħaraq il-vettura tal-Maġġur Ramon Theuma. Zahra irrakkonta dan il-kliem lill-istess Theuma fil-preżenza tal-Maġġur Josef Barbara[20] u

[14] Ara x-xhieda mogħtija nhar is-26 ta’ Frar 2021 a fol. 23 tal-atti proċesswali.

[15] Ara x-xhieda mogħtija nhar il-15 ta’ Frar Mejju 2023 a fol. 593 tal-atti proċesswali.

[16] Dan ġie kkonfermat mir-rappreżentant ta’ Transport Malta fix-xhieda tiegħu tal-20 ta’ April 2021, a fol. 97A *et seq* tal-atti proċesswali.

[17] Ara r-rapport a fol 14 tal-proċes-verbal kif ikkonfermat fix-xhieda tiegħu tad-29 ta’ Lulju 2022, a fol. 313 tal-atti proċesswali.

[18] Ara r-rapport a fol 29 tal-proċes-verbal kif ikkonfermat fix-xhieda tiegħu tad-29 ta’ Lulju 2022, a fol. 315 tal-atti proċesswali.

[19] Ara x-xhieda tiegħu tad-29 ta’ Lulju 2022, a fol. 330 tal-atti proċesswali.

[20] Ara x-xhieda tiegħu tad-29 ta’ Lulju 2022, a fol. 325 tal-atti proċesswali.

CO 230 Malcolm Aquilina.[21] Illi fuq talba tad-difiża, il-prosekuzzjoni ppreżentat il-fedina penali tax-xhud Joseph Zahra[22] filwaqt li numru ta' xhieda in difesa xehdu fuq inċident li seħħ fil-bitħa tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn dawn ix-xhieda semgħu lill-istess Joseph Zahra jgħid li kien imġiegħel jgħid dan id-diskors dwar l-akkużat u ladarba qal dak il-kliem, ma kienx se jirtiraħ.

Illi in difesa, l-akkużat ressaq ukoll ir-rappreżentant tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin David Mellors[23] xehed illi Zahra kellu mijiet ta' proċeduri dixxiplinarji kontrih fl-istess Faċilità. Xehed ukoll illi l-akkużat għamel madwar xahar miżmum ġewwa Division 6. Ix-xhud preżenta tabella li turi li bejn is-17 ta' Frar 2021 u t-28 ta' April 2023, huwa qatt ma kien f'division 5, iżda kien f'divisions oħra.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, senjatament wara s-seduta tal-4 ta' April 2022 kien hemm inċident fejn l-akkużat avviċina lill-parte ċivile Ramon Theuma u qallu li għalkemm il-vettura li ntużat għar-reat kienet verament tiegħu, il-persuna li ħaraq il-vettura ma kienx hu.[24]

Dakinhar tal-15 ta' Frar 2021, PC 1057 Angus Carabott kellu struzzjonijiet sabiex hekk kif jara lill-akkużat jinforma lis-surġent PS 827 Edward Grech u biex jieħu nota tal-vettura li kien qed isuq. Filfatt, hekk kif l-akkużat mar jiffirma l-għassa, hu nforma lil PS 827 u s-surġent, wara li taħ il-Mandat ta' Arrest u taħ id-drittijiet legali tiegħu, għadda biex arresta lil Tony Zammit. PC1057 qal li sema' lill-akkużat jgħid li jrid imur jieħu l-methadone u PS 827 qallu li kienu se jwassluħ huma. Qal li Zammit talab li jmur sal-karozza biex iġib iċ-ċwievet u l-affarijiet tiegħu peress li kienet miftuħa u kien għalhekk li ngħata permess. F'dak il-ħin, l-akkużat daħal fil-karozza tiegħu u saq għal fuq PS 827 li kien quddiemu jipprova jwaqqfu. Ra lis-surġent

[21] Ara x-xhieda tiegħu tad-29 ta' Lulju 2022, a fol. 328 tal-atti proċesswali.
[22] A Dok "JZ" a fol.605 tal-atti proċesswali.
[23] Ara x-xhieda tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2023 a fol. 662 tal-atti proċesswali.
[24] Ara x-xhieda ta' Ramon Theuma mogħtija nhar it-13 ta' Mejju 2022, a fol. 276 tal-atti proċesswali u x-xhieda ta' l-Ispettur Kevin Pulis mogħtija nhar it-02 ta' Settembru 2022, a fol. 339 tal-atti proċesswali.

jitkaxkar mal-vettura. Qal li madwar nofsiegħa wara, l-akkużat mar lura fl-għassa volontarjament u hu ċempel lill-ispettur Pulis, li mar jarrestaħ.

PS 827 Edward Grech kien fl-għassa tal-Pulizija u meta PC 1057 qallu li l-akkużat mar biex jiffirma, hu mar ħdejn l-akkużat, informaħ li kien taħt arrest u taħ id-drittijiet legali tiegħu. Meta talbu biex jagħtih iċ-ċwievet u l-mobile, l-akkużat qallu li kien ħallihom fil-karozza. Mal-karozza kien hemm PC 1458 Malcolm Fenech għassa u PS 827 qallu li l-akkużat kien se jmur sal-karozza biex jġib il-mobile u ċ-ċwievet. Iżda meta l-akkużat resaq ħdejn il-karozza, hu daħal fiha u startja. Il-pulizija li kien hemm għassa mal-vettura pprova jżommu u PS 827 ħareġ f'nofs ta' triq biex iwaqqfu. L-akkużat baqa' għaddej minn fuqu u l-ewwel qala' daqqa bil-bonnet, dar u qabad mal-bieba tan-naħa tax-xufier u beda jgħidlu biex jieqaf. L-akkużat baqa' jsuq u PS 827 beda jara li kien qed jintrass ma vettura pparkjata u telaq il-bieba u tkaxkar ma' l-art. L-akkużat ħarab minn fuq il-post. PS827 ittieħed il-policlinic għal aktar kura. Qal li meta talbu biex imur jagħlaq il-karozza, l-akkużat qallu li kellu jmur għall-methadone u li kienu se jagħlqu fis-2:00pm. Hu qallu li kienu se jwassluħ. Qal li l-akkużat ma kienx jidher daqshekk *sick* dak il-ħin. Qal li sussegwentement, l-akkużat mar l-għassa b'mod volontarju. Bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, PS 827 Edward Grech sofra ġrieħi ħfief, senjatament grif u irkopptejħ tal-lemin, tqaxxir tal-ġilda fil-minkeb tal-lemin u uġieħ fl-għaksa tal-lemin[25] kif ukoll danni fl-uniformi tas-servizz bl-ispejjeż ta' €8.72 il-qmis, €11.83 il-qalziet, €9.46 il-jersey u €44.90 iż-żarbun[26], b'total ta' €74.91.

PC 1458 Malcolm Fenech[27] ikkonferma li hu kien stazzjonat mal-vettura tal-akkużat meta dan mar l-għassa sabiex jiffirma. Ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCM-589 kienet miftuħa u li l-akkużat mar fil-vettura biex isakkarha iżda minflok huwa daħal fil-vettura, startja l-vettura u beda jsuq bil-bieba tax-xufier miftuħa. Kif wasal quddiem l-għassa, PS

[25] Ara x-xhieda ta' Dr Kirsten Schembri mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2022 a fol. 286 tal-atti proċesswali.
[26] Ara x-xhieda ta' PS1526 Charlon Borg mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2021, a fol 185 tal-atti proċesswali.
[27] Ara x-xhieda mogħtija nhar id-09 ta' April 2021 a fol. 77 tal-atti proċesswali.

827 Edward Grech ordnalu biex jieqaf iżda hu saq għal fuq is-surġent, tajru u kaxkru mal-vettura għal diversi metri u baqa' sejjer. Peress li l-akkużat telaq minn fuq il-post, huma marru ħdejn id-Detox Centre biex jilħquħ hemm però l-akkużat ma marx hemm. Wara ftit ġie nfurmat li l-akkużat mar volontarjament fl-għassa u ġie arrestat u l-vettura ġiet ittowjata għall-garage tad-depot. Hu ppreżenta wkoll il-filmat CCTV rigwardanti tal-inċident.[28] Illi l-espert tal-Qorti Alvin Cardona ppreżenta r-rapport tiegħu[29] rigwardanti l-filmat elevat relevanti għal dan l-inċident.

Dakinhar tal-15 ta' Frar 2021, għall-ħabta tas-1:20pm kien hemm fl-għassa tal-Pulizija ukoll CO197 Ronald Bugeja[30] li sema' lil Tony Zammit jgħid lil PC1057 li kien mgħaġġel għax ried imur għall-mistura. Dak il-ħin ġiet karozza tal-pulizija u sema lil Tony Zammit jgħid li ried imur malajr fil-karozza tiegħu ħa jġib il-mobile. Sakemm l-uffiċjali tal-pulizija ħarġu jiġru warajħ, l-akkużat beda jsuq il-karozza u ra s-surġent jipprova jżommu. CO 197 Bugeja ra lis-surġent ma' l-art wara tul ta' madwar ħames karozzi minn fejn beda jsuq l-akkużat. Ra lill-akkużat isuq il-vettura bi speed eċċessiv.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi odjerni jirrigwardjaw żewġ inċidenti separati minn xulxin iżda li huma allaċċjati flimkien għaliex skont il-proskuzzjoni ġew imwettqa mill-istess persuna, ossija l-akkużat odjern.

Fl-ewwel inċident, l-akkużi jirrelataw ma ħruq prinċipali tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ-786, tal-għamla Toyota Platz, ġewwa Triq San Edward, Ħal-Qormi propjetà tal-parte ċivile Ramon Theuma u, sekondarjament, mal-ħruq tal-vettura bin-numru ta' Reġistrazzjoni FCQ-554, tal-għamla Peugeot Partner propjetà ta Mohammed Saed ġewwa l-istess Triq.

---

[28] Ara Dok MF1 ippreżentat waqt ix-xhieda tiegħu tal-25 ta' Frar 2022, a fol. 237 tal-atti proċesswali.
[29] Ara x-xhieda mogħtija fit-18 ta' Novembru 2022, a fol. 469 tal-atti proċesswali u r-rapport preżentat a fol. 473 tal-atti proċesswali.
[30] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-26 ta' Frar 2021 a fol. 40 tal-atti proċesswali.

Illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, essenzjalment, jikkonsistu f'CCTV footage li allegatament juru lill-akkużat fiż-żona ta fejn seħħ l-inċendju fil-ħinijiet tal-inċendju, kif ukoll vettura tat-tip Opel Astra ta' kulur blu li għandha rimmijiet partikolari f'dawk l-akwati. Di più, il-prosekuzzjoni ppreżentat ukoll xi ħwejjeġ li jidhru fil-filmat CCTV dakinhar tal-inċident u li nstabu fil-kamra tal-akkużat meta saret it-tfittxija għandu.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkużi huma ta' natura indizzjarja, aktar milli provi diretti. Effettivament, ma tressqet ebda prova li b'mod skjaċċanti turi t-twettiq tar-reat *in flagrante* mill-akkużat odjern.

Illi dwar provi indizzjarji, jew aħjar, ċirkostanzjali, il-Qorti tagħmel referenza għal għall-insenjament to diversi sentenzi, fosthom dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abdellah Berrard et**[31] fejn ġie ritenut illi:

> *"Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci."*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija v David Gatt,**[32] provi ċirkostanzjali ġew definiti bħala:

> *"Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni."*

[31] **Il-Pulizija vs Abdellah Berrard et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 19 ta' Mejju 2014.
[32] **Il-Pulizija v David Gatt**, Qorti tal-Appell Kriminali, 17 ta' Gunju, 1998 (meħuda minn il-Pulizija vs Alfred Attard, Qorti tal-Magistrati (Malta) 28 ta' Frar 2005, Każ Nru 971/2002)

Illi di più, fis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Lela Ristic**[33] il-Qorti elenkat il-mod ta' kif għandhom ikunu trattati dawn it-tip ta' provi. Ġie ritenut illi:

> *"Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence :-*
>
> *(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);*
>
> *(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;*
>
> *(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference);*
>
> *(d)it has to ensure the continuity of the chain of evidence;*
>
> *(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt."*

Illi stabbiliti dawn il-punti ġurisprudenzjali, imiss issa li l-Qorti tibda teżamina bir-reqqa l-provi mressqa quddiemha in kwantu għall-ewwel tlett akkużi.

Illi illi jibda biex jingħad li ċ-ċirkostanzi li jsawru dan ir-reat huma pjuttost infeliċi. Fl-ewwel lok, ir-reat ta' ħruq, ossija *arson,* huwa reat li fih innifsu għandu r-riżultat li jiddistruġġi l-provi u l-evidenza dwar min ikun wettqu. B'hekk karozza li tiġi distrutta fl-istat li ġiet distrutta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ-786, ma jkollha ebda fingerprints jew evidenza oħra li

[33] **The Police vs Lela Ristic**, Qorti tal-Maġistrati, 15 ta' Diċembru, 2015.

jixħtu dawl fuq min seta' kien li wettaq ir-reat. Li huwa ċert, madanakollu, li dan kien nar doluż u li tqabbad bl-użu ta' aċċellerant li ntefa' fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura msemmija. Ladarba ġie stabbilit li kien doluż, allura neċessarjament isegwi li n-nar tqabbad minn persuna jew persuni. Ukoll, il-vettura tqabbdet bil-lejl għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu fejn normalment ma jkunx hemm persuni fit-triq li potenzjalment jistgħu jaraw dak li jkun qed jiġri jew xi parti minnu. Illi ġie pprovat ukoll li n-nirien li ħakmu l-vettura tal-parte ċivile Ramon Theuma kkawżaw danni wkoll fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FCQ-554 propjetà ta' Mohammed Saed

Illi jirriżulta li minn xi filmati ta' CCTV ppreżentati mill-prosekuzzjoni,[34] tidher persuna liebsa hoodie, maskla tal-Covid, qalziet tat-*track suit* b'żewġ linji bojod mal-ġemb ta' kull qalza u żarbun sportiv bil-qiegħ abjad. Wiċċ din il-persuna huwa mgħotti bil-hoodie u bil-maskla u b'hekk ma jintgħarafx. Din il-persuna xi minn daqqiet tidher miexja u daqqiet oħra tidher qed tiġri. Illi mill-ħwejjeġ preżentati minn PS1526 Charlon Borg jirriżulta li kemm il-qalziet tat-*tracksuit* kif ukoll iż-żarbun huma simili ħafna għal dawk li jidhru fuq din il-persuna fil-filmat CCTV. Ġie pprovat ukoll li qalziet tat-*tracksuit* b'żewġ strixxi bojod fuq kull qalza ġie elevat mill-kamra ta' fejn jorqod l-akkużat filwaqt li żarbun sportiv bħal dak li jidher fil-filmat CCTV ġie elevat minn fuq persuntu stess hekk kif mar l-għassa tal-Pulizija nhar il-15 ta' Frar 2021. Illi minkejja li huwa fatt li fis-suq Malti m'huwiex diffiċli li aktar minn persuna waħda jkollha l-istess tip ta' qalziet jew l-istess tip ta' żarbun, il-konċidenza li persuna jkollha **kemm** il-qalziet **kif ukoll** iż-żarbun eżatt bħal tal-persuna li tidher fil-filmati CCTV hija kemxejn rari u din iċ-ċirkostanza timmilita a favur it-teżi li l-ħwejjeġ li ġew elevati mill-pulizija huma l-istess ħwejjeġ li kienet liebsa l-persuna li tidher fl-imsemmija filmati.

---

[34] Dok "SM1" (fol. 144): **Mario Auto Dealer**: 1_02_H_012021031807.avi @03:32:31; **UK Garage**: 2_01_R_012021020000.dav @02:33:22 kif ukoll 4_02_R_012021020000.dav @02:33:18; **Bellia Camera1_20210125022315.avi @02:32:10; Dok "DT1" (fol. 352): Vella: XVR_ch3_main_20210125030000_20210125040000.dav @03:34:06; Ramanda: ch01_20210125031524.mp4 @32:25 (player time); Sultana Wines and Spirits: Camera4_20210125012959.avi @01:45:25 u Camera7_20210125013000.avi @ 01:45:19.**

Marbut ma dan, hemm ukoll il-fatt li l-vettura, ossija l-Opel Astra Blu, bin-numru ta' Reġistrazzjoni ACA-131 kienet fil-viċinanzi ta' fejn seħħ l-inċident tal-ħruq. Din il-vettura hija partikolari għaliex għandha rimmijiet differenti minn xulxin u b'hekk tingħaraf malajr. Dakinhar tal-ħruq tal-vettura ġiet innotata fil-viċinanzi tal-*locus delicti*. Għalkemm l-akkużat jirrisjedi f'Ħal-Qormi stess, huwa joqgħod f'żona differenti minn dak fejn seħħ l-inċendju. Filfatt, l-akkużat jirrisjedi fi Triq San Ġorġ, Qormi filwaqt li l-inċendju seħħ ftit 'l bogħod miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal-Qormi, fi Triq San Edwardu. Illi ġie pprovat li din il-vettura hija propjetà ta' ħu l-akkużat, Frank Zammit u mill-istħarriġ tal-pulizija irriżulta li fiż-żmien meta seħħ dan l-inċendju, din il-vettura kienet qed tintuża mill-akkużat stess. Illi, min-naħa tiegħu, l-akkużat ma offra ebda spjega, imqar fuq bażi ta' probabiltà, ta' x'kienet qed tagħmel il-vettura tiegħu f'dawk l-akwati f'dak il-lejl. Il-Qorti semgħet ukoll bil-ġurament lill-parte ċivile Ramon Theuma jixhed li wara s-seduta tal-4 ta' April 2022 l-akkużat avviċinah u qallu li għalkemm il-vettura li ntużat għar-reat kienet verament tiegħu, il-persuna li ħaraq il-vettura ma kienx hu.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Joseph Zahra biex jikkonferma illi l-akkużat allegatament stqarr miegħu li kien hu li wettaq dan l-inċident. Din ix-xhieda, madanakollu, hija kontradetta minn numru ta' xhieda oħra li semgħu lill-istess Zahra jistqarr li kien imġiegħel jgħid dan id-diskors. Illi l-Qorti mhiiex se tagħti kredibilità lil dan ix-xhud, kemm fid-dawl tax-xhieda prodotti mid-difiża, kif ukoll minħabba l-anteċedenti u l-karattru partikolari tal-istess xhud.

Illi fil-fehma tal-Qorti, is-sejbien ta' żewġ biċċiet ħwejjeġ fil-pussess tal-akkużat kif ukoll il-lok tal-vettura tiegħu fit-tlieta ta' filgħodu, ċioè fil-viċinanzi tal-*locus delicti* huma provi indizzjarji li meħuda flimkien jippuntaw lejn id-direzzjoni li l-akkużat huwa responsabbli għal dan il-ħruq. Illi ladarba huwa kien li kkaġuna dan il-ħruq, neċessarjament isegwi li l-azzjoni tiegħu kkaġunat ħsara volontarja kemm fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBQ-786 kif ukoll dik bin-numru ta' reġistrazzjoni FCQ-554.

Illi b'hekk, il-ħruq ikkawżat volontarjament mill-akkużat, effettivament qabbad anke l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FCQ-554. B'hekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel tlett akkużi.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tat-tieni sett ta' akkużi, ossija t-tieni inċident li seħħ fil-15 ta' Frar 2021, il-prosekuzzjoni ressqet numru ta' xhieda u anke filmat ta' CCTV li juri kif seħħ dan l-inċident, partikularment il-mument fejn l-akkużat saq u baqa jsuq nonostante li PS827 Edward Grech pprova jżommu milli jaħrab minn fuq il-post.

Illi r-raba akkuża mressa mill-avukat Ġenerali hija dik ta' attentat ta' feriti ta' natura gravi fuq PS827 Edward Grech. Illi fix-xhieda tiegħu, PS 827 Edward Grech xehed illi waqt li kien imqabbad mal-vettura miexja, hu ra l-vetturi l-oħra ipparkjati u effettivament telaq il-vettura għax beża' li kien ser jitgħaffeġ magħhom.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi:**[35]

> ***"****Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*"

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta illi l-akkużat kien qed isuq il-vettura meta PS827 Edward Grech mar quddiem il-vettura biex iwaqqfu milli jkompli jsuq u jaħrab minn fuq il-post. L-akkużat, min-naħa tiegħu, minflok ma waqqaf il-vettura tiegħu, kompla jsuq 'l quddiem. Dan huwa aktar sottolineat bil-fatt li l-surġent qabad mal-bieba tax-xufier u beda jgħidlu

[35] **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 19 ta' Settembru 2011.

biex iwaqqaf il-vettura. L-akkużat, ra li kien hemm il-vetturi pparkjati fil-ġenb u indubbjament ra u sema lis-surġent imqabbad mal-bieba tiegħu jgħidlu biex jieqaf u minflok ma waqaf, webbes rasu u kompla jsuq, irrispettivament minn dak kollu li seta' ġara lis-surġent, inkluż li seta faċilment korra serjament li kieku l-istess surġent m'għarafx il-periklu li kien fih u rrilaxxa l-bieba.

Fil-fehma tal-Qorti, il-mument li s-surġent qabad mal-bieba tal-karozza tal-akkużat kien il-mument fejn l-akkużat ifforma l-intenzjoni ġenerika tiegħu li jagħmel ħsara lill-istess surġent. Dan joħroġ mill-fatt li l-akkużat baqa' jsuq il-vettura nonostante li s-surġent qabad mal-bieba tal-vettura tiegħu. Effettivament, konsegwenza tad-deċiżjoni tal-akkużat u tal-intenzjoni tiegħu, is-surġent sofra ġrieħi ta' natura ħafifa u anke tqattgħet l-unformi tiegħu.

Illi għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din ir-raba akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ħames u s-sitt akkużi, l-prosekuzzjoni ma ppreżentat ebda prova li PS 827 Edward Grech huwa persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Għalkemm jidher mill-atti li huwa membru tal-korp tal-pulizija, ma tressqet ebda prova li tikkonferma dan l-istat ta' fatt lilhinn minn kull dubju raġjonevoli u b'hekk, ladarba dan l-element essenzjali għas-suċċess tal-ħames u s-sitt akkuża huwa nieqes, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'dawn il-ħames u s-sitt akkużi.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tas-seba' akkuża, ċioè dik li kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS 827 Edward Grech, jirriżulta miċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Kirsten Schembri Grech sofra ġrieħi ta' natura ħafifa kawża ta' dan l-inċident. Illi l-Avukat Ġenerali akkuża wkoll lill-akkużat bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 222(1)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għar-raġunijiet diġà esposti hawn fuq, ma ġiex stabbilit sal-grad rikjest mil-liġi li PS 827 Edward Grech huwa uffiċjal inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u b'hekk il-Qorti m'hijiex ser tapplika dan il-gravam. JIbqa' l-fatt, però li mill-provi prodotti, jirriżulta ampju li l-akkużat ikkawża ġrieħi ta' natura ħafifa meta hu saq il-vettura waqt li l-stess surġent kien imqabbad mal-bieba tiegħu.

B'hekk il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din is-seba' akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatti u l-provi jemani wkoll li qabel mal-akkużat ħarab bil-karozza, PS827 Edward Grech informa lill-akkużat bl-arrest tiegħu u anke taħ id-drittijiet legali tiegħu. Filfatt, l-akkużat qalilhom li kellu bżonn imur għall-mistura u anke saqsa għall-permess biex imur isakkar il-vettura tiegħu. Kien minn hemm li hu daħal fil-vettura bil-għan li jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija.

L-Artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu, jitkellem fuq "Kull Ikkundannat u kull priġunier" filwaqt li l-kelma "priġunier" hija mfissra bħala kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar. Illi mill-provi prodotti ma rriżultax li l-Akkużat, minkejja li kien taħt arrest, kien ikkundannat b'sentenza jew li kien miżmum f'ħabs. Filfatt l-arrest seħħ fl-għassa tal-pulizija ta' Ħal-Qormi.

Illi b'hekk, wieħed mill-elementi l-aktar essenzjali għat-twettiq ta' dan ir-reat, ossija il-"kundanna" jew il-"priġunerija" huwa għalkollox nieqes u b'hekk il-qorti ma tistax issib ħtija f'dan it-tmien reat.

Ikkunsidrat;

Illi d-disa' akkuża torbot intrinsikament mal-fatt li PS827 Edward Grech kien qed jitkaxkar mal-vettura tal-akkużat u b'riżultat ta' dan l-unformi

tiegħu tqattgħet. Ġie pprovat li dawn id-danni ġew sofferti b'kawża diretta tal-azzjoni tal-akkużat u b'hekk il-Qorti ser issib ħtija f'din id-disa' akkuża. Illi ġie pprovat ukoll lil-ammont ta' ħsara kkawżata lill-uniformi huwa ta' €74.91.

Ikkonsidrat

Illi fir-rigward tal-għaxar akkuża, ossija dik ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluż, il-Qorti tagħhmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[36] ċioè:

> *"...din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (1) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 15 ta l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) (reckless driving, negliġenti driving u dangerous driving fit-test Ingliż).* ***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-*

[36] **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1997.

*ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat u kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali 21/5/96);"*

Illi applikat dan l-insejament għall-fatti tal-każ jirriżulta li l-akkużat saq il-vettura tiegħu meta kien konsapevoli, jew seta' faċilment ra, li kien hemm persuna mqabbda mal-karozza tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużat saq b'mod li kien evidentement ta' periklu għas-saħħa tas-surġent Grech. Dan is-sewqan sar fi triq relattivament dejqa fejn kien hemm ukoll vetturi pparkjati fuq in-naħa li fiha kien hemm is-surġent. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha jimmilitaw lejn il-fatt li l-akkużat kien qed isuq b'mod perikoluż u b'hekk qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-għaxar akkuża miġjuba kontra tal-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ħdax-il akkuża, ġie pprovat illi diversi membri tal-pulizija taw ordnijiet diretti lill-akkużat sabiex ma jsuqx u sabiex jirritorna lura lejn l-għassa. Dawn l-ordnijiet ingħataw mill-pulizija fil-qafas tax-xogħol tagħhom u huma ordnijiet leġittimi għaliex isegwu mandat ta' arrest maħruġ leġittimament.

Jirriżulta li l-akkużat ma tax kashom, anzi baqa' jsuq biex jipprova jaħrab minn fuq il-post. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-elementi meħtieġa għal dan ir-reat ġew sodisfatti mill-provi prodotti u b'hekk il-Qorti ser issib ħtija anke f'din il-ħdax-il akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi it-tnax-il akkuża tirrigwardja l-ksur tal-kondizzjonijet tal-Ħelsien mill-arrest mogħtija minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, nhar l-24 ta' Jannar 2019.[37] Illi l-akkużi li tagħhom l-akkużat instab ħati kollha seħħew wara l-għoti tal-ħelsien mill-arrest lill-istess akkużat. Illi l-Artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipola, *inter alia*, illi jekk l-akkużat jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delittli ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favuril-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu. Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoniimposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta'konsegwenza serja.

Illi fl-ewwel lok, jiġi sottolineat li l-klawsola numru 4 tad-Digriet tal-għoti tal-Ħelsien mill-arrest jistipola "li ma tikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest". Di più, l-akkużi li tagħhom instab ħati l-akkużat huma fil-maġġoranza tagħhom għajr għas-seba akkuża, reati volontarji u b'hekk il-Qorti qed issib illi bl-għemil tiegħu, l-akkużat kiser kemm il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kif ukoll wettaq reat ta' natura volontarja waqt li kien taħt il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-konsegwenza tar-reati mwettqa minnu hija serja ħafna u qiegħdha, fid-diskrezzjoni tagħha, tordna l-konfiska tas-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) mid-depożitu minnu mħolli u qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali tat ukoll l-addebitu tar-reċidiva lill-akkużat. Illi s-sentenzi ppreżentati in sostenn ta' dan l-addebitu huma: (1) Sentenza erogata mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-8 ta' Lulju 2009 fejn l-akkużat instab

[37] A fol. 298 tal-atti proċesswali.

ħati u ġie kkundannat għal tlett snin priġunerija u multa ta' €2,500;[38] (2) sentenza erogata mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-13 ta' Ġunju 2014 fejn l-akkużat instab mhux ħati;[39] (3) sentenza erogata mill-Qorti tal-Maġistrati nhar id-29 ta' Settembru 2021 fejn l-akkużat instab ħati u ġie kkundannat għal tnejn u tletin xahar priġunerija.[40]

Illi fir-rigward tal-ewwel sentenza hawn indikata, jirriżulta li din ingħata fis-sena 2009 u l-perjodu ta' priġunerija skada fl-2012. Ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-perjodu relevanti għar-reċidiva b'din is-sentenza kien bejn l-2012 u l-2017. Ir-reati odjerni seħħew wara din id-data u b'hekk din is-sentenza ma tistax titqies għall-fini ta' dan l-addebitu.

Ili fir-rigward tat-tieni sentenza, din ma tistax tiqies għall-finijiet ta' reċidiva peress li l-akkużat ġie liberat minn dawk l-akkużi. Illi finalment, it-tielet sentenza mressqa għall-finijiet ta' reċidiva ingħatat fid-29 ta' Settembru 2021 u b'hekk l-anqas din is-sentenza ma tista' titqies għall-finijiet ta' reċidiva peress li l-akkużat instab ħati f'dik is-sentenza <u>wara</u> d-dati tal-25 ta' Jannar 2021 u l-15 ta' Frar 2021.

Illi b'hekk, il-Qorti ma tistax issib lill-akkużat ħati tal-addebitu tar-reċidiva u konsegwentement qed tilliberaħ minnha.

Ikkonsidrat;

Illi mill-Pre-sentencing Report[41] mħejji jirriżulta illi l-akkużat għandu passat turbolenti u mmarkat kemm b'abbuż serju ta' droga kif ukoll ta' diversi kundanni u pieni karċerarja. Filfatt l-ewwel darba li daħal il-ħabs kien għad kellu biss ħmistax-il sena. Huwa għandu l-vizzju tal-abbuż mid-droga u għalkemm għamel xi ftit snin imbiegħed minn dan il-vizzju, hu reġa' kellu relapse f'dawn l-aħħar snin. Waqt il-permamenza tiegħu fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin huwa jagħmel xogħol ta' furnar u jirnexxielu jżomm 'l

[38] A fol. 442 tal-atti proċesswali.
[39] A fol. 447 tal-atti proċesswali.
[40] A fol. 466 tal-atti proċeswali.
[41] Ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Anabelle Bugeja nhar il-15 ta' Mejju 2023, a fol. 539 tal-atti proċesswali.

bogħod mill-vizzju tad-drogi. Meta jkun barra però jerġa' jaqa' għal dan il-vizzju li kissirlu ħajtu. Huwa wera x-xewqa li jirradrizza ħajtu u jgħeleb minn dan il-vizzju. L-uffiċjal tal-probation tirrakkomanda illi jingħata t-trattament għall-abbuż mid-droga b'mod tassattiv u f'ambjent ikkontrollat.

Il-qorti tqis li f'dan il-każ, tenut kont ukoll tal-passat refrattarju tal-akkużat, huwa xieraq li l-akkużat jingħata piena ta' priġunerija effettiva. Apparti li piena karċerarja isservi sabiex l-akkużat jingħata l-piena kkontemplata mil-liġi, din il-piena se sservi wkoll sabiex flimkien ma ordni ta' trattament, l-akkużat ikun jista' jgħeleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga li għandu.

Ikkonsidrat, illi fil-kalkolu tal-piena, il-Qorti ser tapplika l-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali fejn abbażi tagħha, il-Qorti ser tqis il-piena tal-ewwel akkużat, bħala dik l-aktar gravi, biż-żieda ai termini tal-liġi.

Illi b'hekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari l-gravità tar-reati li seħħew fil-25 ta' Jannar 2021 u fil-15 ta' Frar 2021 il-Qorti tqis li l-piena ta' 60 xahar priġunerija effettivi hija waħda idonea.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 215, 216(1), 221(1), 317(a)(ii), 325(1)(a), 325(1)(c) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Tony Żammit ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' is-seba', id-disa' u l-għaxar akkuża u konsegwentement qed tikkundannaħ għal sittin (60) xahar priġunerija effettivi filwaqt li qed tilliberaħ mill-akkużi rimanenti.

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġjiet ta' Malta, il-Qorti qed tirrevoka l-Kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest imposti fuq l-akkużat minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta nhar l-24 ta' Jannar 2019 u tordna l-konfiska tas-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) mid-depożitu hemm mogħti bħala ħarsien ta' dawk il-kondizzjonijet.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tliet xhur li għandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' meta tiġi skontata l-preżenti piena karċerarja;

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Tony Zammit sabiex jingħata t-trattament meħtieġ taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-akkużat iħallas lill-Kummissajru tal-Pulizija is-somma ta' €74.91 rappreżentanti danni sofferti minnu inkwantu għall-uniformi ta' PS827 Edward Grech li ġiet danneġġjata b'riżultat tar-reati li tagħhom instab ħati.

Illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-ħati jħallas is-somma komplessiva ta' erbat' elef, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€4,594.61) lir-Reġsitratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali rappreżentanti spejjeż ta' esperti ingaġġati f'dawn il-proċeduri kif ukoll fl-inkjesta relattiva.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament mogħti kontestwalment jintbagħatu lid-Direttur Servizzi Probation and Parole;

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**